MALTA

ATT Nru. XIV ta' l-1982

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guset Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala.

ACT No. XIV of 1982

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Guest Houses and Holiday Furnished Premises Act, 1974.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) AGATHA BARBARA
President

8 ta' Ottubru, 1982

ATT Nru. XIV ta' l-1982

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar il-'Guest Houses' u Postijiet 'Furnished' għall-Btala.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1982 li jemenda l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira ta' "liċenza" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "dar liċenzjata" tifisser dar li dwarha tkun inħarġet liċenza skond l-artikolu 11A ta' dan l-Att;

"sid ta' dar liċenzjata" tfisser il-persuna li fuq talba tagħha tkun inħarġet liċenza skond l-artikolu 11A ta' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "li jeħtieġ lil diriġenti ta' *guest houses* u ta' postijiet għall-btala" u "reġistrazzjoni ta' *guest houses* u ta' postijiet għall-btala" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "li jeħtieġ lil diriġenti ta' *guest houses* u ta' postijiet għall-btala u lil sidien ta' djar liċenzjati" u l-kliem "reġistrazzjoni ta' *guest houses*, postijiet għall-btala u djar";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "lil diriġenti ta' *guest houses* u ta' postijiet għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "lil diriġenti ta' *guest houses* u ta' postijiet għall-btala u lil sidien ta' djar liċenzjati";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "ta' kull *guest house* jew post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "ta' kull *guest house*, post għall-btala jew dar"; u

(d) minufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu "dar" tfisser dar liċenzjata, dar li dwarha tkun saret applikazzjoni biex tingħata liċenza jew dar li dwarha jkun hemm raġuni xierqa li wieħed jaħseb li jkunu qed jinkisru d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "tmexxi *guest house* jew post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "tmexxi *guest house*, post għall-btala jew dar liċenzjata";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "bħala *guest house* jew post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "bħala *guest house*, post għall-btala jew dar liċenzjata"; u

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "*guest house* jew post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "*guest house*, post għall-btala jew dar".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

5. Fl-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "*guest house* jew post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "*guest house*, post għall-btala jew dar liċenzjata".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Meta *guest house* jew post għall-btala" u "dik il-*guest house* jew dak il-post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "Meta *guest house*, jew post għall-btala jew dar liċenzjata" u "dik il-*guest house* jew dak il-post għall-btala jew dik id-dar liċenzjata" rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "*guest houses* u postijiet għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "*guest houses*, postijiet għall-btala u djar liċenzjati"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "diriġent ta' *guest house* jew ta' post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "diriġent ta' *guest house* jew ta' post għall-btala jew sid ta' dar liċenzjata".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

8. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "*guest house* jew ta' post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "*guest house*, ta' post għall-btala jew ta' dar liċenzjata".

Emenda ta' l-artikolu 11A ta' l-Att prinċipali.

9. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11A ta' l-Att prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3A) Il-Ministru jista' qabel ma jagħti liċenza taħt dan l-artikolu jeħtieġ li ssir spezzjoni tad-dar relattiva minn persuna awtorizzata minnu sabiex jiġi żgurat li dik id-dar tkun skond livelli aċċettabbli.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 52 tas-6 ta' Ottubru, 1982.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati